**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Guramentat Numru:- 501/2019 JVC**

**Carmel Meilaq sive Carmel Mejlaq**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru 2019 gie kjamat fil-kawza id-Direttur Registru Pubbliku (Ghawdex)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Carmel Meilaq sive Carmel Mejlaq kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrent sa minn meta kien tifel kien maghruf minn kulhadd bhala Carmel **Mejlaq;**

2. Illi meta dan l-ahhar mar biex igedded il-passaport, ir-rikorrent kien infurmat li l-passaport ma jistax jiggedded stante il-fatt li c-certifikat tat-twelid tieghu jindika l-kunjom Mejlak u ghalhekk il-passaport il-gdid ghandu jkun jindika l-kunjom Mejlak u dan minkejja li l-passaporti precedenti tieghu dejjem kienu jindikaw il-kunjom Mejlaq;

3. Illi jirrizulta li anke fic-certifikat taz-zwieg kunjom ir-rikorrenti huwa indikat Mejlak;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jixtieq li jipprevalixxi ruhu mid-dritt li taghtih l-ligi taht l-artikolu 253 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghed jintavola dan ir-rikors guramentat;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi jezisti zball fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 507/1948 fejn il-kunjom l-esponenti Carmel u tal-genituri tieghu Lawrence u Mary Anne huma indikati bhala 'Mejlak' mentri fil-fatt kellu jkun 'Mejlaq';

2. Tiddikjara illi jezisti zball fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv 5720/1970 fejn il-kunjom l-esponenti Carmel u tal-genituri tieghu Lawrence u Mary Anne huma indikati bhala 'Mejlak' mentri fil-fatt kellu jkun 'Mejlaq';

3. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-Att tat-twelid bin-numru progressiv 507/1948 u dan billi kull fejn jidher il-kunjom 'Mejlak' fuq dan l-att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Mejlaq';

4. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-Att taz-zwieg bin-numru progressiv 5720/1970 u dan billi kull fejn jidher il-

kunjom 'Mejlak' fuq dan l-Att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Mejlaq'.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex kif isegwi:

1. Illi in linea preliminari, l-esponent jecepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled Ghawdex nhar it-30 ta' Gunju 1948 lil Lawrence u Mary Annie, konjugi Mejlak u kif ikkonfermat mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 507 tas-sena 1948, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Sussegwentament ir-rikorrent izzewweg lil Mary Anne Scalpello nhar it-28 ta Dicembru 1969, u dan skont l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2';

3. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi sottolinejat illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili, wild li jitnissel u jkun imwieled fiz-zwieg ghandu jiehu kunjom missieru. Ghaldaqstant, ir-rikorrent mat-twelid assuma l-kunjom 'Mejlak';

4. Illi l-kunjom Mejlak huwa dak il-kunjom li jappartjeni lil familja paterna tar-rikorrent u dan skont is-segwenti dokumenti:

   (i) L-Att tat-Twelid ta' Carmel Mejlak, ir-rikorrent, bin-numru progressiv 507 tas-sena 1948, isem missieru gie mnizzel bhala 'Lawrence MEJLAK';

(ii) L-Att tat-Twelid ta' Lawrence Mejlak, missier ir-rikorrent, bin-numru progressiv 400 tas-sena 1923, isem missieru (cioe' n-nannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala 'Giuseppe MEILAK' – Dok. DRP 3;

(iii) L-Att tat-Twelid ta' Giuseppe Meilak, in-nannu patern tar-rikorrent, bin-numru 272 tas-sena 1886, isem missieru (cioe' il-buznannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala 'Paolo MEJLACH' – Dok. DRP 4;

5. Illi l-esponent jissottometti illi huwa minnu li jezistu numru ta' verzjonijiet tal-kunjom in kwistjoni, pero' jidher car illi kollha kemm huma kienu intizi li l-kunjom jispicca bil-konsonanta 'K'. Stante s-suespost, id-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti gialadarba ma tirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex huwa stat ta' fatt li l-kunjom tal-familja paterna tar-rikorrent huwa 'MEJLAK';

6. Illi ghalaqstant u fil-mertu, l-esponent ser jirrimmetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv illi l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-Qorti;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez tal-azzjoni odjerna u l-ittra ufficjali bin-numru 1837/2018, kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni odjerna si tratta Att tat-Twelid li gie rregistrat mar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex u Att taz-Zwieg li gie rregistrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta. In vista tal-fatt illi ai termini tal-Kapitolu 56 tal-Ligijiet ta' Malta, Malta u Ghawdex ghandhom ikollhom Ufficcju ghalihom, liema jitmexxi minn Diretturi differenti, l-esponent huwa tal-umli fehma illi b'tali proceduri ghandu jkun partecipi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex ukoll;

2. Illi bla hsara ghal premess u in linea preliminari ukoll, l-esponent jecepixxi ukoll illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled Ghawdex nhar it-30 ta' Gunju 1948 lil Lawrence u Mary Annie, konjugi Mejlak u kif ikkonfermat mill-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 507 tas-sena 1948, li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Sussegwentament ir-rikorrent izzewweg lil Mary Anne Scalpello nhar it-28 ta Dicembru 1969, u dan skont l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2';

4. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi sottolinejat illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili, wild li jitnissel u jkun imwieled fiz-zwieg ghandu jiehu kunjom missieru. Ghaldaqstant, ir-rikorrent mat-twelid assuma l-kunjom 'Mejlak';

5. Illi l-kunjom Mejlak huwa dak il-kunjom li jappartjeni lil familja paterna tar-rikorrent u dan skont is-segwenti dokumenti:

   (i) L-Att tat-Twelid ta' Carmel Mejlak, ir-rikorrent, bin-numru progressiv 507 tas-sena 1948, isem missieru gie mnizzel bhala 'Lawrence MEJLAK';
   (ii) L-Att tat-Twelid ta' Lawrence Mejlak, missier ir-rikorrent, bin-numru progressiv 400 tas-sena 1923, isem missieru (cioe' n-nannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala 'Giuseppe MEILAK' – Dok. DRP 3;
   (iii) L-Att tat-Twelid ta' Giuseppe Meilak, in-nannu patern tar-rikorrent, bin-numru 272 tas-sena 1886, isem missieru (cioe' il-buznannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala 'Paolo MEJLACH' – Dok. DRP 4;

6. Illi l-esponent jissottometti illi huwa minnu li jezistu numru ta' verzjonijiet tal-kunjom in kwistjoni, pero' jidher car illi kollha kemm huma kienu intizi li l-kunjom jispicca bil-konsonanta 'K'. Stante s-suespost, id-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti gialadarba ma tirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex huwa stat ta' fatt li l-kunjom tal-familja paterna tar-rikorrent huwa 'MEJLAK';

7. Illi ghalaqstant u fil-mertu, l-esponent ser jirrimmetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv illi l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-Qorti;

8. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez tal-azzjoni odjerna u l-ittra ufficjali bin-numru 1837/2018, kontra l-attur li qiegħed jigi ingunt in subizzjoni.
Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni a fol. 18 tal-process;

Din il-Qorti ivverifikat mill-atti illi salv ghar-rikorrent li huwa rikonoxxut mill-intimat bil-kunjom Mejlak li jispicca bl-ittra 'k' mart l-istess rikorrent kif ukoll uliedu u wkoll ulied uliedu huma lkoll rikonoxxuti mill-istess intimat ufficjalment bil-kunjom 'Mejlaq' li jispicca bl-ittra 'q' nonostante li dawn kollha jidderivaw il-kunjom taghhom mill-istess rikorrenti.

Mill-atti jirrizulta illi verament sa mill-bidu sa minn eta' zghira ir-rikorrent kien maghruf bil-kunjom Mejlaq jispicca bl-ittra 'q' u mhux bl-ittra 'k'. Tqis ukoll li fl-ahjar interess pubbliku ghandu jkun hemm certezza dwar il-kitba tal-kunjom tar-rikorrent u l-familja derivanti minnu nkluz martu u d-dixxendenti tieghu. Dan ukoll in vista tal-evidenza cara fl-atti li jezistu diversi versjonijiet tal-kunjom in kwistjoni li lkoll jigu uzati sabiex issir referenza ghall-istess persuni fl-atti tar-Registratur intimat. ;

Ghar ragunijiet suesposti tqis li t-talbiet tar-rikorrent jisthoqq li jigu milqugha sa fejn dawn jikkoncernaw lilu izda mihiex ser

tidhol f'dik il-parti tat-talbiet li jirrigwardaw il-genituri tieghu anki ghaliex ma tqisx li dawn gew sufficjentement pruvati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti tghaddi sabiex:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament fil-konfront tieghu u tiddikjara illi jezisti zball fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 507/1948 fejn il-kunjom l-esponent Carmel huwa indikat bhala 'Mejlak' bl-ittra 'k' mentri fil-fatt kellu jkun 'Mejlaq' jispicca bl-ittra 'q';

Tichad izda milli tiddeciedi dwar kunjom il-genituri tieghu stante li mhux sufficjentement pruvata;

(2) Tilqa' t-tieni t-talba limitatament ghar-rikorrent u tiddikjara li jezisti zball fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv 5720/1970 fejn kunjom l-esponent Carmel ghandu jigi indikat bhala 'Mejlaq' bl-ittra 'q' u mhux 'Mejlak' bl-ittra 'k';

Tichad izda milli tiddeciedi dwar kunjom il-genituri tieghu stante li mhux sufficjentement pruvata;

(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-Att tat-twelid bin-numru progressiv 507/1948 u dan billi kull fejn jidher il-kunjom 'Mejlak' bl-ittra 'k' fuq dan l-att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Mejlaq' jispicca bl-ittra 'q';

(4) Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-Att taz-zwieg bin-numru progressiv 5720/1970 u dan billi kull fejn

jidher il-kunjom 'Mejlak' jispicca bl-ittra 'k' fuq dan l-Att, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Mejlaq' jispicca bl-ittra 'q'.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu kollha sopportati mir-rikorrent.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta u ta' Ghawdex jigu nnotifikati b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Jannar 2020**